MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 22/2005

Kawza fil-lista: 23

**Giovanna Borg**
**Vs**
**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-att tat-twelid tal-attrici gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru tmint elef u tlieta u disghin (8093) tas-sena elf disa' mija u tlieta u tletin (1933).

Peress illi f'dan ic-certifikat jezisti zball fid-data tat-twelid tal-attrici ghaliex hi ma twelditx fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru 1933 izda fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru

1933, kif ukoll zball fil-lok tat-twelid peress li ma tweldit go 15 Oratory Street, Sliema izda 15 Oratory Street, Gzira.

Peress illi l-attrici tixtieq li l-posizzjoni taghha tigi regolarizzata.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex

1. tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-attrici bin-numru progressiv 8093/1933, billi

(a) fil-kolonna taht l-intestatura ‘Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena’, jigi kancellat numru ‘erbgha u ghoxrin’ u jigi sostitwit bin-numru ‘tnejn u ghoxrin’;
(b) fil-kolonna ‘lok’ jigi kancellat l-isem ‘Sliema’ u jigi sostitwit bl-isem ‘Gzira’

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-esponent jaderixxi ruhu ghat-talbiet attrici u jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi ghandha issir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid ta’ l-attrici mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat il-pubblikazzjoni ta’ l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-artikolu 254 Kap.16, li saret fil-harga tal-11 ta’ Marzu 2005;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ dawn il-proceduri l-attrici qeda titlob korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha numru 8093/1933 fis-sens li d-data tat-twelid indikata bhala 24 ta’ Novembru 1933 tigi sostitwita bid-data 22 ta’ Novembru 1933; kif ukoll li l-post tat-twelid indikat bhala Sliema jigi sostitwit bil-kelma “Gzira”.

Illi t-talba attrici tinsab sostnuta minn kopja tac-certifikat tal-maghmudija u kopja ta’ estratt mill-ktieb tal-maghmudijiet fil-parrocca tal-Gzira, kif ukoll mic-certifikat taz-zwieg taghha.[1]

Illi rigward il-kap ta’ l-ispejjez, il-Qorti tosserva li l-eccezzjoni tal-konvenut hija fondata stante li ma rrizultax li l-izbalji fl-att tat-twelid huma attribwibbli lill-konvenut, u ghalhekk dan m’ ghandux jehel spejjez.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti u tordna l-korrezzjoni tal-imsemmi att ta’ twelid kif hemm indikat. Spejjez a kariku tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Doki.B,C,D – fols.6 - 8